# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Erbgħin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru 2014*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikat mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsilliera preżenti li l-bollards fi Triq Balbi tlestew u li l-bnadar ġew ordnati u l-isqaq bejn il-Blocks tal-Housing Estate fi Triq il-Jum u Triq Xemxija ġie mnaddaf mill-Kuntrattur.

3.2 B'referenza għall-ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali vs Direttur tal-Gvern Lokali, s-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-flus dovuti skond is-sentenza tal-Qorti ġew mgħoddija fil-kont bankarju tal-Kunsill li jammonta għas-somma ta' sitta u sittin elf, mitejn u sitta u erbgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu( €66,246.98).

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mit-18 ta' Settembru sat 22 t'Ottubru 2014.*

Is-Sur Joseph Grima daħal fis-sala fil-ħamsa w nofs nieqes ħamsa ta' filgħaxija (5.25pm).

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-Ministeru ta' l-Intern talab li ssir laqgħa għar-residenti tal-Lokalitajiet tal-Hamrun, Marsa, Furjana u Sta Venera. Din il-laqgħa kellha ssir fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun u titħallas mill-Kunsilli rispettivi bir-riċeviment b'kollox. Hu qal li l-Kunsilli Lokali ma qablux ma din il-proposta u l-Ministru ddeċieda li ma jagħmel l'ebda laqgħa pubblika konsultattiva mar-residenti ta' dawn il-Lokalitajiet.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppronona li l-Kunsill japprova servizz ta' reklamar fuq il-kalendarju tal-Marsa Football Club għas-somma ta' ħamsin ewro (€50). Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu .

4.3 Rigward it-talba ta' Dr Aaron Farruġia biex jiltaqa' mall-membri tal-Kunsill is-Sindku ppropona li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014 fis-sitta w nofs ta' filgħaxija. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova t-talba tal-Ministeru għall-Familja u Soledarjeta' Socjali (MFSS) biex issir konferenza fis-sala tal-Kunsill tiġi aċċettata li ssir nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru mid-disgħa ta' filgħodu sa nofs inhar (9.00am – 12.00am). Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-vot kien unanimu.

4.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li skond ittra mibgħutha lill-Onor. Silvio Parnis mill-Ministeru tat-Trasport, dan ġie nfurmat li l-Ministeru mhux qed jikkonsidra favorevolment ix-xogħol ta' tarmak ta' Triq Spencer B u Triq il-Haddiema, kif il-Kunsill kien ġie mwiegħed mill-Amministrazzjoni Governattiva preċedenti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jikteb lill-Ministru direttament fuq dan il-każ u skond ir-risposta l-Kunsill jipproċedi fl-aħjar interess tar-residenti ta' dawn it-toroq.

4.6 Il-Kunsill Lokali tal-Marsa wera d-diżapprovazzjoni tiegħu dwar direttiva mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li mistoqsijiet parlamentari m'għandhomx jitqassmu b'mod ġenerali lill-Kunsilliera mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill u dan għaliex kull korrispondenza mgħoddija lill-Kunsill hija pubblika u l-Kunsill irid ikun trasparenti.

## 5. *Schedule of Payments 10/14*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. ***Purchase Order 3875 - 3914***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3875 sa 3914 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. s-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Purchase Request 2860 – 2898***

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2860 sa 2898 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala fis-sitta nieqes għoxrin ta' filgħaxija (5.40pm)

## 8. ***Ismijiet tat-Toroq***

8.1 Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett fit-tul mill-membri preżenti is-Sur Joseph Grima talab li Triq Xemxija tiġi msemmija għal Prof. Guido De Marco. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien sitta favur u wieħed kontra.

8.2 Is-Sur Noel Scerri ppropona li Triq it-Tiġrija ħdejn il-Bini tal-Gvern tissemma għal Perit Dom Mintoff. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.3 Is-Sur Noel Scerri ppropona li l-Pont San Tumas tiġi msemmija Triq il-Kunsill. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Pjazza San Vincenz tiġi msemmija għal Anton Cassar. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ppropona li Trejqet il-Qaddiefa tiġi msemmija għal Juan Mamo. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.6 Is-Sur Dominic Spencer ippropona li Triq San Tumas tiġi msemmija Triq Bridgwater. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.7 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talba li ssir it-talba għal dan it-tibdil ta' l-Ismijiet tat-toroq kif propost u deċiż minn issa lill-Bord ta' l-Ismijiet tat-toroq għal approvazzjoni tagħhom allavolja qed jitbiddlu l-ID Cards. Is-Sur Noel Scerri ssekonda . Il-Vot kien unanimu.

## 9. ***Tarmak ta' Triq Ross***

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill jwettaq xogħol ta' tarmak ta' Triq Ross li l-istima tagħha hija ta' mhux aktar minn tlettax il-elf ewro (€13,000) wara li din l-istima tiġi kkonfermata mill- Perit tal-Kunsill. Dan ix-xogħol għandu jsir għas-sena finanzjarja li jmiss u għandhom jibdew il-preparamenti amministrattivi minnufih sabiex dan ix-xogħol jitwettaq ma l-ewwel kwart tas-sena d-dieħla. Is- Sur Anthony Buhagiar issekodna. Il-Vot kien unanimu.

## 10. ***Tarmak ta' Triq Chester***

10.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill japprova dan ix-xogħol tat-tarmak fi Triq Chester u li għandu jitwettaq ma' l-ewwel kwart tas-sena d-dieħla jekk kemm il-darba l-istima tkun ta' mhux aktar minn tlieta w għoxrin elf ewro (€23,000). Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 11. ***Attivita' għall-Anzjani mill-Kunsill***

11.1 Rigward ittra mibgħutha mill-Primary Health Care fejn qed joffru laqgħat ta' tagħrif mediku b'xejn lir-residenti jekk kemm il-darba l-Kunsill jorganizza dawn il-laqgħat fil-bini tiegħu u waqt il-ħin tax-xogħol ta' l-Ispeċjalisti, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova li jagħti dan is-servizz għall-benefiċċju tar-residenti lokali u dan jibda jingħata mit-tieni ġimgħa ta' Jannar sa Marzu u dawn isiru filgħodu. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 12. ***Cinema Day***

12.1Is-Sindku talab li l-Kunsill jerġa jorganizza c-Cinema Day għat-tfal Marsin u li din l-attivita' ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru 2014 fl-Eden Cinema meta t-tfal ikunu bil-vaganzi tal-Milied. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-vot kien unanimu.

## 13. ***Proġett fi Triq Qormi u Triq Isouard.***

13.1 Is-Sindku talab li l-Kunsill japprova li jsir proġett fis-soft area li tinsab fi Triq Isouard ma Triq Hal Qormi fejn fost l-oħrajn jsir boundry wall ġdid u reservoir b'funtana u dawl adekwat . Din tibqa bil-ħamrija u fiha ssir sand pit għal klieb ukoll fil-ġenb fi Triq Qormi. L-ispiża relatata ma dan il-proġett ma tkunx taqbeż is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) liema somma ser tkun koperta parti minnha li tammonta għas-somma ta' tnejn u għoxrin ewro (€22,000) mill-Mepa taħt il-fondi tal-UIF u l-Kunsill jalloka biss elfejn ewro (€2,000) mill-estimi tas-sena d-dieħla. Huwa żied jitlob li l-Kunsill japprova d-dokument tas-sejħa għall-offerti kif ippreżentati mill-Perit. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Stimi fuq Bankini*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-istimi għal xogħol ta' bankini l- ħejja l-Perit fuq talba tal-Kunsill li huma:

| | |
|---|---|
| Triq Derby | €4431.04 |
| Sqaq l-Ajkla | €5226.43 |
| Parti minn Triq is-Salib | €7642.51 |
| Parti minn Triq il-Marsa | €5986.66 |
| Triq San Tumas | €4925.28 |
| Sqaq Ross | €6063.38 |
| Pjazza Patri Magri | €8196.36 |
| Triq Guseppi Zammit | €4792.53 |

14.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni sabiex dan ix-xogħol jitwettaq fil-bidu tas-sena finanzjarja li jmiss. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *15. Trasferiment fid-data ta' l-Attivita'*

15.1 Is-Sur Dominic Spencer talab li minħabba ċirkustanzi li l-Kunsill ma kellhux kontrol fuqhom l-Attivita' Kulturali li kellha ssir f'Novembru issir f'Diċembru u din tkun immirata għal talent lokali filwaqt li l-attivita' kulturali il-Kunsill japplika għaliha taħt l-iskema tal-Kultura li ser toħroġ f'dawn ix-xhur mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u ssir f'Jannar ma Jum il-Marsa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## *16. Stedina mill-Kunsill ta' Bridgwater*

16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-Assocjazzjoni Marsa Bridgwater fejn dawn stiednu lill-Kunsill għal ħabta ta' Marzu biex jattendu għal konferenza li ser jipparteċipaw seba' Kunsilli oħra li huma ġemellati ma Bridgwater ukoll.

16.2 Is-Sur Noel Scerri ppropona li l-Kunsillier responsabbli s-Sur Dominic Spencer jiġi magħżul biex jirrappreżenta lill-Kunsill u l-Kunsill iħallas l-ispejjez relatati ta' l-ajru u akkomodazzjoni . Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

16.3 Is-Sur Dominic Spencer qal li billi din hija laqgħa bejn delegati ta' Kunsilli oħra minn pajjiżi differenti li huma ġemellati ma Bridgwater ikun xieraq li s-Sindku s-Sur Francis Debono jkun preżenti biex jindirizza lill-membri preżenti.

16.4 Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkunsidra din il-proposta aktar l'quddiem meta jiġu ppreparati l-estimi finanzjarji għas-sena d-dieħla u jekk ikun possibli jiġi allokat ta' l-anqas it-ticket ta' l-ajru lill-membri l-oħra tal-Kunsill li jkunu nteressati li jipparteċipaw għal din il-konferenza. Jekk kemm il-darba jkun possibbli li jiġu allokati dawn il-fondi l-Kunsill ma jkollhux problemi li japprova din il-proposta sabiex b'hekk jingħata ċans lil kull membru li jipparteċipa b'mod attiv għal ġid u n-nom tal-Lokalita' waqt din il-konferenza.

## *17. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li Kumpanija fil-Marsa talbet lill-Kunsill jippreżenta xi proġett biex tanalizza l-possiblita' li twettqu hi bħala kumpens għall-lokalita'. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sindku ppropona li jippreżenta l-proposti ta' tisbieħ ta' Ġnien Belveder u ta' Ġnien Spencer. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

17.2 Is-Sur Noel Scerri talab li tintalab l-assistenza ta' Transport Malta u l-pulizija minħabba rmiġġi tal-baħar li qed isorġu fuq Xatt il-Mollijiet u li qed jinżammu hemmhekk u qed jiżgombraw bil-konsegwenza li jitnaqqas l-ispazju għal parkeġġ.

17.3 Il-Vici Sindku s-Sur Josef Azzopardi tkellem dwar ħmieġ li ġie rrapurtat lilhu ħdejn ir-Regatta Klabb. Is-Sindku qal li dan kien qed jitnaddaf mill-Fondazzjoni ta' Suret il-Bniedem li kienu mqabbdin mill-Kunsill.

17.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi tkellem dwar ħmieġ fit-taraġ ta' maġenb il-latrina fuq il-Pont ta' San Tumas. Is-Sur Francis Debono qal li l-ħaddiem tal-Kunsill kien qed jnaddaf kuljum dan it-taraġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan mhux aċċettabbli li ħaddiem assenjat mall-Kunsill jiġi mqabbad li jagħmel dan ix-xogħol u dan minħabba d-dekor ta' l-istess ħaddiem. Is-Sur Dominic Spencer talab li tiġi nstallata camera fuq il-pont. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiġbor kwotazzjoni mingħand il-Kumpanija Pal. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

17.5 Is-Sur Dominic Spencer qal li l-monitoraġġ u l-video għandhom jiġu mgħoddija u jitqiegħdu fl-għassa tal-Pulizija biex jittieħdu passi minnufih. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *18. Aġġornament tal-Laqgħa*

18.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru 2014 fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv